MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**MARK CHETCUTI**

Seduta tal-25 ta' Frar, 2013

Citazzjoni Numru. 1131/2012

**Salvo Grima & Sons Limited**

**vs**

**Dr. Renzo Porsella Flores u P.L. Pauline Mallia gew nominati kuraturi deputati sabiex jirraprezentaw is-socjeta' estera Waybell Cruises Inc. b'digriet tal-11 ta' Dicembru 2012**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors guramentat tas-socjeta attrici tas-16 ta' Novembru 2012 li jghid hekk:
1. Peress illi s-socjeta konvenuta hija s-sid tal-bastiment ta' tip cruise liner bl-isem MV Princess Danae, b'IMO numru 5282483 u li jtajjar il-bandiera Portugiza.

2. Peress illi s-sidien tal-bastiment tramite l-managers taghhom World Cruises Agency, ordnaw diversi prodotti u provisti minghand is-socjeta attrici, liema provisti u

prodotti kellhom jigu provduti lill-imsemmi cruise liner meta dan kellu jieqaf f'Malta.

3. Peress illi meta dan il-bastiment gie hawn Malta f'Mejju ta' dis-sena, dawn il-provisti u prodotti gew fil-fatt provduti lill-imsemmi bastiment.

4. Peress illi dawn il-provisti jammontaw ghas-somma totali ta' €31,549.67, u dan kif jidher car mill-fatturi kollha li nhargu mis-socjeta attrici lil-Kaptan tal-bastiment u lis-socjeta konvenuta bhala sid tal-istess bastiment (Kopji hawn annessi u mmarkati bhala Dokument A) kif ukoll mir-rendikont ta' dawn l-istess fatturi (hawn anness u mmarkat Dokument B).

Peress illi minkejja diversi talbiet lis-socjeta konvenuta mis-socjeta attrici sabiex tithallas din is-somma dovuta minnha, l-istess socjeta baqghet inadempjenti inadempjenti sal-lum.

Ghaldaqstant, is-socjeta rikorrenti umilment titlob lil dina l-Onorabbli Qorti joghgobha:

1. Tiddikjara illi s-socjeta attrici hija kreditrici tas-socjeta konvenuta fis-somma ta' €31,549.67

2. Tiddeciedi illi s-socjeta konvenuta hija responsabbli ghall-hlas lis-socjeta rikorrenti ta' din is-somma ta' €31,549.67

3. Tordna lis-socjeta konvenuta thallas din is-somma ta' €31,549.57

Bl-ispejjez u bl-ingunzjoni tal-konvenuti ghas-subizzjoni.

Rat id-digriet tal-11 ta' Dicembru 2012 fejn gew nominati l-kuraturi deputati ndikati sabiex jidhru ghas-socjeta konvenuta;

Rat li r-risposta guramentata tal-kuraturi deputati tat-22 ta' Jannar 2013 fejn ecceppew:

Illi qabel xejn billi prima facie jidher li s-socjeta Waybell Cruises Inc. Hija inkorporata l-Portugall – pajjizz Membru tal-Unjoni Ewropea – allura n-notifika kellha ssir hemmhekk lill-istess socjeta;

Illi sta pregudizzju huma ma jafux bil-fatti li wasslu ghall-kawza u ghalhekk jirriservaw li jressqu twegiba ohra aktar ‘il quddiem.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha;

Rat li l-kawza thalliet ghas-sentenza ghall-25 ta’ Frar 2013.

**Ikkunsidrat**

**Eccezzjoni dwar in-notifika**

Is-socjeta attrici esebiet dokumenti li juru illi s-socjeta konvenuta, proprjetarja tal-vapur MV Princess Danae hi registrata fil-Panama u ghalhekk ma tistax issir in-notifika ai termini tar-regolament Ewropej billi hu l-vapur u l-agenti tieghu li ghandhom konnessjoni mal-Portugal u mhux is-socjeta, sid l-istess vapur li qed tigi mharrka. Kwindi l-procedura tan-nomina ta’ kuraturi kif irid il-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta’ Malta hi lecita u l-eccezzjoni qed tigi michuda.

**Mertu**

Dwar il-mertu ftit hemm x’jinghad. Is-socjeta attrici ipprovdiet fatturi ta’ servizzi maghmula lil vapur kontrofirmati mill-istess kaptan tal-vapur (ara fol. 7 sa 19 tal-process) li juri l-ammont dovut u gie dikjarat bil-gurament tad-difensur tas-socjeta attrici fis-seduta tal-31 ta’ Jannar 2013 illi din is-somma ghadha dovuta fl-intier taghha.

Il-kuraturi nominati ghas-socjeta konvenuta ma gabu ebda prova li l-ammont mhux dovut.

**Decide**

Ghalhekk il-Qorti taqta u tiddeciedi billi tilqa' t-talbiet attrici kif dedotti. Bl-ispejjez kontra s-socjeta konvenuta.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------